MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru. 180/2012

Il-Pulizija
(Sp Kylie Borg)
vs
Jesmond Micallef, iben Salvatore, imwieled Pieta' fit-8 ta' Mejju, 1963, karta ta' l-identita numru 415263(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u il-25 ta' Novembru, 2011, fl-inħawi tal-Valletta Cruise Port, Floriana:

1. ġiegħel annimal (żiemel) isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, meta ma pprovdiex ilma, għata għall-kenn mill-elementi naturali tat-temp u post deċenti fejn jistrieħ, ukoll meta rabat l-annimal fil-kustodja tiegħu b'tali mod għal tul ta' ħin ikkawżalu dwejjaq, fil-waqt li ukoll ġie abbandunat waħdu;

2. zamm jew qabel li jzomm annimal (żiemel) għandu u ma kienx responsabbli għat-trattament tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' kundanna, tiskwalifika lill-imputat, sew bħala awtur jew kompliċi, milli jżomm jew jikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorita' oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------